# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 26 ta' Ottubru 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**
**vs**
**Mirko Giffuni**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi **Mirko Giffuni** u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru **AU 9823630**.

Akkuzat talli talli nhar it-22 ta' Ottubru 2018 bejn l-ghaxra ta' filghodu u s-siegha ta' waranofsinhar (*10:00Hrs – 13:00Hrs*) gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kif ukoll talli minn ATM tal-Bank Lombard li tinsab Triq L. Graham, Sliema, bil-hsieb li jaghmel reat ta' serq permezz ta' karti ta' kreditu ghad-detriment ta' Daniel Cutajar u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra wera' dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija

u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan bi ksur tal-Artikolu 41(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-fedina penali netta u l-eta tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 334 (b'referenza ghall-artikolu 284), u l-artikoli 41(1)(a), 261(c) u 267 tal-Kapiotlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjonita'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi  kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**